MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru. 70/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Dorion (Dorion-Joseph) Colombo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Dorion (Dorion-Joseph) Colombo, iben Joseph u Margaret nee` Saliba, imwieled Sliema nhar l-1 ta' April 1971, residenti 143, Duka, Triq tal-Mensija, San Gwann u/jew Flat 6, Manila Flats, Triq Ras il-Qawra, Qawra, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 166671M

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-22 ta' Mejju 2008, u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

c) Aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-20 ta’ Novembru 2003 mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D., liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.

101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri ossia fis-seduta tat-2 ta' April 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi jidher illi l-istess imputat qabad it-triq it-tajba u min-naha l-ohra, l-fedina penali aggornata tieghu li fiha numru ta' kundanni ghalkemm l-ebda wahda rigwardanti reati li jinvolvu d-droga, u l-fatt illi huwa recidiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150), bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data tas-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'din il-kawza, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti hlas da parti tal-imputat tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument PG2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------